A.L. 74 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B. Accty (Hons)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti ta' l-2007 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B. Accty (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Accountancy (Honours) - B. Accty (Hons), ippubblikati bħala Avviż Legali 108 ta' l-1998, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2007 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. Kandidat jista' jidħol fil-Kors jekk huwa:

Jew

(a) jissodisfa r-rekwiżiti kollha li jwasslu għall-grad ta' Bachelor of Commerce u kkwalifika fil-Kategorija IIB jew aħjar, u għadda mill-erba' taqsimiet studju sinottiċi fl-Accountancy kollha, f'tnejn minnhom għadda mill-anqas b'marka ta' 70% jew aħjar, u fitt-tnejn l-oħra b'marka ta' 55% jew aħjar,

Sakemm jgħaddi mit-tielet taqsima studju sinottika b'marka ta' 70% jew aħjar, jew jg]addi minn taqsima studju sinottika b'marka ta' 80% jew aħjar li għandha tikkompensa għal mhux aktar minn taqsima studju sinottika b'marka ta' bejn il-45% u l-54%;

Jew

(b) jissodisfa r-rekwiżiti kollha li jwasslu għall-grad ta' Bachelor of Science (Business and Computing) u kkwalifika fil-Kategorija IIB jew aħjar, u kiseb mill-anqas 70% fit-taqsimiet studju sinottiċi fil-qasam tal-Business Studies,

Sakemm li l-kandidati aċċettati taħt dan il-paragrafu għandhom jgħaddu mill-eżamijiet ta' l-erba' taqsimiet studju sinottiċi fl-Accountancy tal-kors għall-Bachelor of Commerce, jgħaddu minn tnejn minnhom mill-anqas b'marka ta' 70% jew aħjar, u t-tnejn l-oħra b'marka ta' 55% jew aħjar (jgħaddu mit-tielet eżami b'marka ta' 70% jew aħjar, jew jgħaddu minn eżami b'marka ta' 80% jew aħjar li jikkompensa għal mhux aktar minn eżami li jgħaddu b'marka ta' bejn l-45% u l-54%) qabel id-dħul."